**16 ta' Lulju, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist. S.**

Carmelo Vella *noe et*

*versus*

Av. Dr. Vincent Falzon *noe*

## Mandat kawtelatorju - abbuż - responsabilità

*Huwa veru li mandat kawtelatorju jista' jinħareġ abbużivament, vessatorjament u anke in eċċess ta' l-ammont rejalment dovut.*

*Imma hu proprju għalhekk li l-liġi tistipula żmien qasir u speċifikat għaliex ir-rikorrent jintavola kawża in deduzzjoni tal-pretensjoni tiegħu. Jekk inħariġx abbużivament jew le jew inkella in eċċess ta' l-ammont tassew dovut għandu joħroġ minn dik il-kawża u mhux issir eżami doppju permezz ta' proċedura separata. Kull mandat kawtelatorju jinħareġ fuq ir-responsabilità tal-kreditur li jibqa' responsabbli għad-danni kemm-il-darba jirriżulta li t-talba tiegħu kontra l-intimat ma tkunx fondata. Mandat kawtelatorju huwa aċċessorju għall-kawża u mhux vice versa.*

Il-Qorti: – Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi kif ukoll il-verbal tas-seduta datata 8 ta' Lulju, 1991;

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat li bħala stat ta' fatt il-posizzjoni ġuridika tal-atturi *nomine* inbiddlet fil-mori tal-kawża in vista ta' proċeduri magħmulin ad instanza tagħhom stess. Jirriżulta li huma ppreżentaw ċedola ta' depożitu fl-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru numru 786 / 91 u dan sabiex "ikun jista' jinħareġ il-kontro-mandat relattiv għall-mandat ta' sekwestru numru 786 / 91 ..... liema garanzija bankarja għandha tiġi liberament meħuda u inkassata minn min ikollu d-dritt joħodha skond il-liġi wara sentenza ta' din il-Qorti li tkun għaddiet in ġudikata". Illi b'riżultat u in konsegwenza ta' din iċ-ċedola ma għandux ikun hemm dubju li d-domandi attriċi bin-numru (2), (3) u (4) illum ġew proċeduralment eżawriti għaliex il-mandat *de quo* ma għadux iseħħ. Għall-istess raġuni jkun superfluwu għall-Qorti li tindaġa, għal menu f'dan l-istadju l-illegalità o meno tal-istess sekwestru meta dan tneħħa. Kienx illegali jew le jibqa' l-fatt li dan illum tneħħa. Oltre dan, għandu jingħad li *se mai kwalsiasi* "illegalità" li ġiet allegata tista' tirriżulta biss di fronte **wieħed** mis-sekwestratarji għaliex mid-diversi sekwestratarji l-oħra ma

*hemm xejn x'josta l-ħruġ tal-mandat. Dan ifisser li jekk kien* hemm xi llegalità din hi biss relativa u peress li l-ammont mhux wieħed diviż allura l-mandat jibqa' xorta waħda validu;

Ikkunsidrat ukoll li l-garanzija inħarġet ad instanza tal-atturi nomine stess. Huwa veru li huma kellhom jieħdu dan il-pass b'konsegwenza tal-ħruġ **tal-mandat ta' sekwestru** però jibqa' l-fatt li hekk kif il-proċedura tal-produzzjoni tal-garanzija għall-ħelsien mill-effetti ta' mandat hija sanċita mil-liġi u mhux kwestjoni ta' kostrizzjoni, hekk ukoll hija sanċita l-proċedura għall-ħruġ ta' **mandati kawtelatorji.** Huwa veru li mandat jista' jinħareġ abbużivament, vessatorjament u anke in eċċess ta' l-ammont rejalment dovut. Imma hu proprju għalhekk illi l-liġi tistipula żmien qasir u speċifikat għaliex ir-rikorrent jintavola kawża in deduzzjoni tal-pretensjoni jew pretensjonijiet tiegħu. Jidher li hekk sar f'dan il-każ. Dan ifisser li l-mandat illum ġie imwettaq b'ċitazzjoni. Jekk inħariġx abbużivament jew le, jew *inkella in eċċess tal-ammont tassew dovut, għandu joħroġ minn* dik il-kawża u mhux isir eżami doppju permezz ta' proċedura separata. Jingħad inoltre li kull mandat kawtelatorju jinħareġ fuq ir-responsabilità tal-kreditur li jibqa' responsabbli għad-danni kemm-il darba jirriżulta li t-talba tiegħu kontra l-intimat ma tkunx fondata. Dan mela juri kif *del resto* ssottometta il-konvenut *nomine* waqt it-trattazzjoni orali, li mandat kawtelatorju kif jindika l-istess isem tiegħu, huwa aċċessorju għall-kawża u mhux vice versa. Riżoluzzjoni tal-kawża dwar il-pretensjoni tal-konvenut rikorrent (l-attur fil-kawża l-oħra), jirriżolvi ukoll u per neċessità din il-kawża relattivament għall-ewwel u ħames talba. Diversament, din il-Qorti mhux biss tkun qed tidduplika l-eżami tagħha dwar il-mertu imma tkun qegħda tidħol f'mertu li proprjament għandu jiġi kondott fil-kawża l-oħra. Mhuwiex

miċħud li l-ammont involut hu wieħed sostanzjali u l-Qorti għalhekk tifhem u tapprezza l-pressjoni addizzjonali li, b'riżultat, tqegħdu fuq l-atturi *nomine* però din tibqa' konsiderazzjoni aċċidentali u dejjem fuq ir-responsabilità ta' min talab u ottjena l-mandat. Il-Qorti kienet u għadha tispera li imqar a bażi li ma jkunx hemm preġudizzju naħa jew oħra, il-kontendenti jsibu mezz biex itaffu il-"*hardship*" tal-atturi *nomine*, u fuq kollox li kemm jista' jkun, kull possibilità li ma jiġux kaġjonati danni irrevokabbli tiġi evitata;

Mill-bqija il-Qorti tenut kont tas-suespost tordna soprasessjoni da parti tagħha sakemm tkun deċiża definittivament il-kawża l-oħra intavolata mill-konvenut nomine fl-ismijiet inversi dwar il-mertu tal-vertenza u għal dan il-għan sejra tiddifferixxi l-kawża għal seduta futura.